MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-16 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 631/2002/1

**Philip Grima.**

**-vs-**

**Carmelo Cuschieri u b'digriet tas-16 ta' Settembru, 2004 Martin Joseph Charles, Emilie mart George Camilleri, Marlene mart John Cini u Doreen mart Moses Muscat ilkoll eredi tal-mejta Mary Cuschieri, mart il-konvenut Carmelo Cuschieri, iddaħħlu fil-kawża *in statu et terminis*.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-31 ta' Mejju, 2002 li permezz tieghu l-attur ippemetta:

Illi in forza ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Carmelo Lia fit-2 ta' Lulju, 1969 Camelo Calleja kkonceda

in enfitewsi perpetwa minn dakinhar 'il quddiem lill-kontendenti li flimkien accettaw u akkwistaw l-ghalqa msejha tal-Barriera jew tad-Dukkara f'Birkirkara, fil-kuntrada ta' Sqaq San Gwann ta' tlett itmiem, siegh u seba' kejliet (3T.1S.7K) konfinanti mill-Lvant ma' Sqaq Torri, Nofsinhar ma' beni tal-familja Ellul mill-Pieta', punent ma' beni f'idejn Ninu Calleja u Tramuntana ma' beni ta' Carlo Xuereb, murija fi pjanta annessa ma' l-istess kuntratt, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha, versu l-kundizzjonijiet elenkati fl-istess kuntratt inkluz versu c-cens annwu u perpetwu ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500) pagabbli bis-sitt xhur bil-quddiem minn dakinhar tal-kuntratt, *cioe'* mit-2 ta' Lulju, 1969.

Illi mill-1969 sa llum il-bicca l-kbira ta' l-imsemmi cens annwu u perpetwu ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500) thallas mill-attur.

Illi minn konteggi li saru bl-ghajnuna ta' Charles Sciriha, liema konteggi qablu maghhom il-kontentendi, irrizulta li l-konvenut ghandu jaghti lill-attur is-somma ta' hamest elef mija u seba u tmenin Lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm5,187.36), u dan biex il-kontendenti jigu fi stat ta' parita' ghal dak li jirrigwarda l-hlas ta' cens annwu u perpetwu fuq imsemmi.

Illi a tenur ta' l-istess konteggi li saru bl-ghajununa ta' Charles Sciriha u accettati mill-kontendenti kif fuq inghad, l-istess konvenut ghandu wkoll jaghti lill-attur is-somma ta' elfejn erba' mija u sitta u sittin Lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm2,466.92) *in linea* ta' xoghlijiet illi l-attur ghamel u/jew hallas ghalihom fid-dar tal-konvenut, kif ukoll spejjez legali u ta' kuntratti u spejjez simili u/jew relatati ma' negozju li l-kontendenti ghamlu flimkien matul is-snin.

Illi ghalhekk b'kollox il-konvenut ghandu jaghti lill-attur is-somma ta' sebat elef, sitt mija u erbgha u hamsin Lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm7,654.28).

Illi l-konvenut, *nonostante* l-fatt illi gie nterpellat diversi drabi biex ihallas din is-somma, *a dirittura* issa qieghed jirrifjuta li jhallasha.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex il-konvenut m' ghandux:

1. Jigi kkundannat ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' sebat elef, sitt mija u erbgha u hamsin Lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm7,654.28).

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Mejju, 2002 u bl-imghax legali mit-28 ta' Lulju, 1999 (*cioe'* mid-data meta l-kontendenti qablu fuq l-imsemmija konteggi) kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenut naqas li jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumaci skond il-ligi.

Rat is-sentenza taghha tat-13 ta' Frar, 2004 illi permezz taghha cahdet it-talba tal-konvenut biex jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet.

Rat ir-rikors ta' wlied il-konvenut prezentat fis-16 ta' Marzu, 2004 fejn talbu li jintervjenu fil-kawza u d-digriet tal-Qorti tas-26 ta' Marzu, 2004 li permezz tieghu din it-talba giet milqugha.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-istess intervenuti fil-kawza, ipprezentata fl-1 ta' April, 2004, li permezz taghha eccepew bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attrici huma preskritti; il-preskrizzjoni nvokata, peress illi t-talbiet huma ta' natura varja hija s-segwenti:

a. Il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar *ai termini* ta' l-Ariklu 2148(a);
b. Il-preskrizzjoni ta' sentejn *ai termini* ta' l-Artiklu 2149(a) u (d);

c. Il-preskrizzjoni ta' hames snin *ai termini* ta' l-Artiklu 2156(a), (e) u (f).

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra l-eccipjenti u konvenut ma ghandhom jaghtu ebda ammont lill-attur.

3. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra huwa l-attur li ghandu jaghti lill-konvenut u lill-intervenuti *in statu et terminis* u kull ammont li l-attur qed jallega li kien dovut illum huwa pacut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti intervenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Semghet il-provi u rat l-affidavits.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tat-23 ta' Jannar, 2008 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher l-attur qieghed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu somma flus, parti dovuta skond l-attur ghall-hlasijiet li ghamel in konnessjoni ma' cnus dovuti fuq proprjeta' li huma akkwistaw flimkien u anke spejjez konnessi ma' kawza fuq l-istess proprjeta' u l-kumplament ghall-flus li qieghed jghid li silifhomlu *brevi manu.* Ghalkemm il-konvenut baqa' kontumaci, uliedu intervjenew fil-kawza bhala werrieta ta' ommhom li mietet fis-sena 2000. Dawn eccepew il-preskrizzjonijiet imsemmija iktar qabel, kif ukoll li ma hemm xejn dovut minn missierhom, xi haga li l-istess konvenut insista anke fil-kors tal-kawza, fl-affidavit tieghu u anke meta xehed quddiem il-Qorti.

L-ewwel punt li jrid jigi deciz huwa jekk bhala punt ta' dritt wiehed jistax jeccepixxi l-preskrizzjoni u anke li hallas l-ammont mitlub. Dwar dan hemm sentenzi konfliggenti ghalkemm forsi fil-maggoranza taghhom jikkonkludu li le. Din il-Qorti thoss li ma ghandu jkun hemm ebda raguni ghaliex dan ma jistax isir ghaliex il-konvenut ghandu kull dritt li jeccepixxi dak li jrid b'risposta ghat-talba attrici. Jista' jkun il-kaz li jkollu ragun kemm illi t-talba tkun preskritta u kemm li jkun hallas u allura ma hemm xejn kontradittorju f'dan anke jekk wiehed irid jikkoncedi illi f'certi kazi dan jitfa' dell fuq il-kredibbilta' tal-pozizzjoni tieghu – b'dana kollu dan trid tarah il-Qorti.

Hemm ukoll f'dan il-kaz il-kwistjoni ta' jekk il-prezenza tal-konvenut quddiem l-*accountant* tal-attur, Charles Sciriha li kien il-persuna li hejja l-i*statement* li fuqu qed jibbaza l-azzjoni l-attur, kinitx tammonta ghal rinunzja tal-preskrizzjoni. Skond ma ntqal fil-kawza, meta l-attur ghadda dan l-i*statement* lill-konvenut dan ma fehmux u allura saret laqgha quddiem dan Sciriha li fl-affidavit tieghu barra li spjega l-kontenut ta' l-istess *statement* qal li f'ebda hin il-konvenut *ma rrifjutah.* Il-konvenut da parti tieghu qal li huwa bil-kemm tkellem quddiem Sciriha u f'ebda hin ma ammetta li kellu jaghti xi haga lill-attur.

Ghandu jinghad illi l-Qrati taghna dejjem sostnew li biex ikun hemm rinunzja din trid tkun cara u inekwivoka. F'dan il-kaz mhux car ezatt x'gara fil-laqgha msemmija izda fil-fehma tal-Qorti biex il-konvenut ikun konsistenti f'dak li qed jghid, huwa kellu jirrifjuta li jmur ikellem lill-*accountant* ta' l-attur jekk kien qed isostni li ma ghandu jaghtih xejn. Ladarba mar (u skond Sciriha iddiskutew l-imghax kemm kellu jkun) sinjal li kien jaf li kellu jaghtih xi haga. Dan ma jfissirx li ghax wiehed ikun lest jiddiskuti jkun irrinunzja ghal xi drittijiet ghaliex inkella kull min ikollu xi kwistjoni jaqbad u jidhol il-Qorti. Kif intqal antikament mill-Qorti, "*le trattative interrompono la prescrizione e prestano alla rinunzia tacita della prescrizione compiuta, reggianndosi negli effetti della prescrizione della ricognizione, sia pure tacita del proprio debito sul fondamento che il debitore, quando si presta alle trattative, riconosce la sussistenza delle pretese e fa abbastanza che il precetto nell'articolo*

*1897 dell' Ordinanza VII (1868) sia sodisfatta.*" (Vol XXIV – part 2, pagna 589). Ir-referenza hija ghall-Artiklu 2133 tal-Kodici Civili – ara wkoll f'dan is-sens is-sentenzi iktar ricenti Victor Calleja vs Nazzareno Vassallo nomine (Appell Superjuri - 5 ta' Ottubru, 1998), Guillaimier vs Cassar Aveta (Appell Superjuri - 9 ta' Dicembru, 1998) u Demarco vs Aquilina (Appell Superjuri - 10 ta' Gunju, 1946). Fl-ewwel sentenza msemmija l-Qorti qalet illi "*gie ritenut illi fejn id-debitur ma jichadx id-dejn izda semplicement jikkontesta l-ammont dovut allegat mill-kreditur, id-debitur ikun qed jinterrompi u tacitament jirrinunzja ghall-preskrizzjoni*", u rreferiet ghal sentenza ohra moghtija fil-Qorti tal-Kummerc fil-21 ta' April, 1971 fl-ismijiet Anthony Fenech vs John Saliba**.** Ghalhekk il-Qorti thoss li l-preskrizzjoni giet interrotta mill-istess konvenut u ser tichad din l-eccezzjoni.

Il-Qorti pero' ma taqbilx mat-tezi ta' l-attur li l-konvenut b'xi mod accetta l-kontenut ta' l-i*statement* ippreparat minn Sciriha, u jidher car li huwa mill-ewwel ikkontesta dan il-kontenut. Meta mbaghad wiehed jezamina l-ammonti ndikati u spjegati mill-attur fl-affidavit tieghu, jifhem mill-ewwel ghaliex. Jirrizulta car li ghal snin twal l-attur ha hsieb ihallas ic-cnus dovuti anke ghaliex id-direttarji dejjem fittxew (mhux dejjem f'sens legali) lilu ghal dan il-hlas, u dan ghal ragunijiet li ma hemmx ghalfejn wiehed jidhol fihom. Ghalhekk ma hemmx dubju li dawn il-hlasijiet saru kif anke saru l-hlasijiet in konnessjoni mal-kawza li l-partijiet kienu fethu kontra d-direttarju originali u li kienet marret dezerta. Il-konvenut jghid li hallas erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) minn dan l-ammont, izda dan jirrizulta mnaqqas diga' fl-i*statement*. Ghalhekk il-kreditu ta' elfejn, seba' mija u hamsin Lira Maltin (Lm2,750) jirrizulta dovut *oltre* l-hames mija u tlieta u tmenin Lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm583.53) dovuti bhala nofs l-ispejjez tal-kawza msemmija – b'kollox tlett elef, tliet mija, tlieta u tletin Lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm3,333.53).

Ma jistax jinghad l-istess pero' ghall-krediti l-ohra li l-attur qed jippretendi. Ma jirrizulta ebda ftehim bejn il-partijiet dwar il-hlasijiet ta' l-imghax kif qed jallega l-attur, u fic-cirkostanzi l-Qorti ma tistax toqghod biss fuq l-allegazzjoni

tieghu li hija kontestata ferocement mill-konvenut u l-istess jinghad ghas-somom mislufin *brevi manu* kif qed jghid l-attur bejn l-1977 u l-1987. Ghalhekk f'dan ir-rigward it-talba attrici m'hijiex ser tigi milqugha.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-intervenuti fil-kawza u l-eccezzjoni taghhom li ma hu dovut xejn mill-konvenut, tilqa' t-talba attrici izda limitatament ghas-somma ta' sebat elef, seba' mija u hamsa u sittin Euro u erba' centezmi (€7,765.04), ekwivalenti ghal tlett elef, tliet mija, tlieta u tletin Lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm3,333.53), u tikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma lill-attur bl-imghaxijiet jiddekorru min-notifika tac-citazzjoni. L-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet u l-intervenuti fil-kawza ghandhom ihallsu l-ispejjez taghhom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------